31992D0014

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-17 ta' Diċembru 1991
li temenda d-Deċiżjoni 79/542/KEE biex tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali tar-razza taż-żwiemel

(92/14/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE [1] tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-moviment minn pajjiżi terzi ta' l-annimali tar-razza taż-żwiemel u partikolarment l-Artikolu 12 tagħha,

Billi d-Deċizjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [2], kif l-aħħar emendata bid-Deċizjoni tal-Kummissjoni 91/361/KEE [3], il-Kunsill stabbilixxa lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' l-annimali tal-fart, il-majjali u l-laħam frisk, inklużi l-prodotti tal-laħam;

Billi huwa neċessarju li tkun immodifikata din id-Deċizjoni issa biex tieħu akkont ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' l-annimali tar-razza taż-żwiemel mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet stabiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 89/15/KEE [4], kif l-aħħar emendata bid-Deċizjoni 91/487/KEE [5];

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE hija emendata kif ġej:

1. It-Titolu hu mibdul b'dan li ġej:

   "Id-Deċiżjoni Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tħejji lista ta' pajjiżi terzi minn fejn l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali tal-fart, majjali, u tar-razza taż-żwiemel, laħam frisk u prodotti tal-laħam";

2. Fl-Artikolu 1 il-paragrafu li ġej huwa miżjud:

   „3. (a) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni ta' l-annimali tar-razza taż-żwiemel minn pajjiżi terzi li jidhru fil-parti I tal-kolonna speċjali għar-razza taż-żwiemel ta' l-Anness.

   (b) L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul temporanju fil-Komunità taż-żwiemel irreġistrati jew id-dħul mill-ġdid taż-żwiemel irreġistrati fir-territorju tal-Komunità wara li jkunu esportati temporanjament minn pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fil-parti II tal-kolonna speċjali għar-razza taż-żwiemel ta' l-Anness.

   (ċ) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19 tad-Direttiva 90/426/KEE u sakemm dispożizzjonijiet speċifiċi permezz ta' l-Artikolu 13(2) ta' din id-Direttiva jkunu adottati, l-Istati Membri m'għandhomx jimportaw annimali tar-razza taż-żwiemel li jkunu ġejjin mill-pajjiżi segwenti:

---

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.
[2] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[3] ĠU L 195, tat-18.7.1991, p. 43.
[4] ĠU L 8, tal-11.1.1989, p. 11.
[5] ĠU L 260, tas-17.9.1991, p. 15.

— Il-Brażil
— Il-Kolumbja
— Il-Kosta Rika
— L-Eġittu
— L-Ekwador
— Il-Marokk
— Il-Perù
— L-Afrika t'Isfel
— It-Turkija
— Il-USSR
— Il-Venezwela."

3. L-Anness tad-Deċiżjoni 79/542/KEE hu mibdul bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tkun tapplika mill-1 ta' Jannar 1992.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Pajjiż	Laħam frisk u prodotti tal-laħam				Laħam frisk	Annimali ħajjin		Rimarki Speċjali	
	Domestiċi				Ferjali			Laħam frisk	Prodotti tal-laħam
	F	N/M	M	D/W	D/M	F	M		
L-Albanija		×	×	×					
L-Arġentina	×	×		×		×	×		(3)
L-Awstralja	×	×	×	×	×	×	×		
L-Awstrija	×	×	×	×	×	×	×		
Il-Beliże	×			×					(3)
Il-Botswana	×	×		×	×			(1) (2)	(3)
Il-Brażil	×	×		×					(3)
Il-Bulgarija	×	×	×	×	×	×	×		
Il-Kanada	×	×	×	×	×	×	×		
Iċ-Ċilì	×	×		×	×			(1)	(3)
Ir-Repubblika taċ-Ċina			×	×	×			(1)	(3)
Il-Kolombja	×			×					(3)
Il-Kosta Rika	×			×					(3)
Kuba	×			×					(3)
Ċipru	×	×	×	×	×		×		
Iċ-Ċekoslovakkja	×	×	×	×	×	×	×		
El Salvador	×	×		×					(3)
L-Etjopja									(3)
Il-Finlandja	×	×	×	×	×	×	×		
Greenland	×	×		×	×			(1)	(3)
Il-Gwatemala	×			×					(3)
Il-Ħonduras	×			×					(3)
Hong Kong									(3)
L-Ungerija	×	×	×	×	×	×	×		
L-Islanda	×	×	×	×	×	×	×		
L-Indja									(3)
L-Iżrael				×					(3)
Il-Kenja									(3)
Il-Madagaskar	×	×		×					(3)
Malta	×		×	×		×	×		(3)
Il-Mawrizju									(3)
Il-Messiku	×			×					(3)
Il-Marokk				×					(3)
In-Namibja	×	×		×	×			(1) (2)	(3)
In-Nova Żelanda	×	×	×	×	×	×	×		
In-Norveġja	×	×	×	×	×	×	×		
In-Nikaragwa	×			×					(3)
Il-Panama	×			×					(3)
Il-Paragwaj	×	×		×					(3)
Il-Polonja	×	×	×	×	×	×	×		
Ir-Rumanija	×	×	×	×	×	×	×		
Singapore									(3)
L-Afrika t'Isfel	×	×	×	×	×			(1) (2)	(3)
Sważiland	×			×	×			(1) (2)	(3)
L-Isvezja	×	×	×	×	×	×	×		
L-Isvizzera	×	×	×	×	×	×	×		
It-Tajlandja									(3)
It-Turkija				×					(3)
It-Tuniżja									(3)

(1) Jeskludu l-laħam tal-majjali ferjali.

(2) Jeskludi l-għadam fil-laħam u r-raċanċ ta' l-annimali ferjali b'difer wieħed maqsum fi tnejn.

(3) Minkejja xi restrizzjonijiet indikati fil-lista t'hawn fuq, il-prodotti tal-laħam li għaddew minn trattament ta' sħana f'kontenitur issiġillat ermetikament għal valur F ta' 3 jew aktar huma awtorizzati.

Pajjiż	Laham frisk u prodotti tal-laham				Laham frisk	Annimali ħajjin		Rimarki Speċjali	
	Domestiċi				Ferjali			Prodotti tal-laham	Laham frisk
	F	N/M	M	D/W	D/M	F	M		
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	×	×	×	×	×	×	×		
L-Urugwaj	×	×		×					(3)
L Unjoni Sovjetika tar-Repubbliki Soċjalisti	×	×	×	×	×	×	×	(1)	(3)
Il-Jugoslavja	×	×	×	×	×	×	×		
Iż-Żimbabwe	×								(3)

F: Tal-Fart (jinkludi l-bufli)
N/M: Nagħaġ u mogħoż
M: Majjali
D/W: B'difer wieħed
D/M: B'difer maqsum fi tnejn
×: Awtorizzata

Rimarki speċjali:

(1) Jeskludu l-laħam tal-majjali ferjali.

(3) Minkejja xi restrizzjonijiet indikati fil-lista t'hawn fuq, il-prodotti tal-laham li ghaddew minn trattament ta' shana f'kontenitur issiġillat ermetikament ghal valur F ta' 3 jew aktar huma awtorizzati.

KOLONNA SPEĊJALI GĦAR-RAZZA TAŻ-ŻWIEMEL

PARTI 1

Pajjiż	Razza taż-żwiemel
L-Arġentina	×
L-Alġerija	×
L-Awstralja	×
L-Awstrija	×
Il-Brażil	× (1)
Il-Bulgarija	×
Il-Kanada	×
Iċ-Ċilì	×
Il-Kolombja	× (1)
Ċipru	×
Iċ-Ċekoslovakkja	×
Il-Finlandja	×
Greenland	×
L-Ungerija	×
L-Islanda	×
L-Iżrael	×
Malta	×
Il-Mawrizju	×
Il-Messiku	×
Il-Marokk	× (1)
In-Nova Żelanda	×
In-Norveġja	×
Il-Paragwaj	×
Il-Polonja	×
Ir-Rumanija	×
L-Afrika t'Isfel	× (1)
L-Isvezja	×
L-Isvizzera	×
It-Tuniżija	×
L-Istati Uniti ta' l-Amerika	×
L-Urugwaj	×
L-Unjoni Sovjetika tar-Repubbliki Soċjalisti	× (1)

PARTI II

Pajjiż	Żwiemel irreġistrati
Il-Baħrejn	×
Il-Barbados	×
Il-Bermuda	×
Il-Bolivja	×
Il-Kosta Rika	× (1)
Kuba	×
L-Eġittu	× (1)
L-Ekwador	× (1)
Il-Ħong Kong	×
Il-Ġamajka	×
Il-Ġappun	×
Il-Ġordan	×
Il-Kuwajt	×
Il-Libja	×
L-Oman	×
Il-Perù	× (1)
It-Turkija	× (1)
L-Emirati Għarab Magħquda	×
Il-Venezwela	× (1)

(1) Sakemm dispożizzjonijiet speċjali permezz ta' l-Artikolu 13(2) tad-Direttiva 90/426/KEE ikunu ġew adottati, l-Istati Membri m'għandhomx jimportaw annimali tar-razza taż-żwiemel minn dan il-pajjiż.